Qorti ta' l-Appell
(Kompetenza Inferjuri)

Imħallef Anthony Ellul

Appell numru:- 2/2017

**Roberta Cutajar**
**(appellata)**

**Vs**

**Castello Dei Baroni Ltd**
**(appellanti)**

30 ta' Lulju, 2018.

1. Permezz ta' Avviż tat-Talba ppreżentat fit-Tribunal Għal Talbiet tal-Konsumaturi fit-12 ta' Novembru 2014, ir-rikorrenti Roberta Cutajar talbet li tiġi rifuża s-somma ta' €3,086.70 mingħand is-soċjetà intimata Castello Dei Baroni Limited. Hija ddikjarat is-segwenti:

> '*On the 24th August 2013 my fiancé and I booked our wedding venue. A deposit of €700 was given and the remaining balance paid prior to the event. The wedding reception was held in the evening. At about 10:30pm there was an electric power failure and the generator was strated manually. Unfortunately after a few minutes the generator stopped working too and the reception area was in complete darkness, which was a safety hazard since there was the pool in the middle of the venue. There were moments where the generator started again but only lasted for a few minutes. This happened approximately six times till it died down at 11:15pm. According to a guest at the reception, Mr Arnold Sammut, ID card number 442481(M) and electrical license number 5300(A), who is knowledgeable and inspected the generator, concluded that the generator heated and the cooling system failed to work. The area where all the guests were either seated or standing was by the pool and this area remained in darkness. The only area where there was light was inside the building, not where the wedding was taking place. I had been waiting for this day for a very long time and you can imagine my disappointment, to say the least, of my wedding ending in such a way. This is not a day that will be repeating itself and I fell that the venue owners should have been responsible in ascertaining that the generator would function for the wedding to continue smoothly. Regrettably it was not the case. For this reason, given that the full amount of €3,026.00 was requested beforehand and fully paid up, I feel that I am justified in requesting the whole amount back in compensation given the disaster.*'

2. Permezz ta' risposta ppreżentata fid-9 ta' Diċembru 2014, is-soċjetà intimata wieġbet kif ġej:

> '*1) The power failure cannot be attributed to a fault on the part of respondent.*
>
> *2) If it took long for the entity responsible for electricity supply to fix the problem, such delay cannot be attributed to respondent.*
>
> *3) It is not true that the reception was in complete darkness.*
>
> *4) It is not true that the occasion was ruined – all in all it was a successful event and went on well after the electricity problem was solved.*
>
> *5) For all intents and purposes respondent compensated for the unexpected mishap by not charging claimant for overtimes.'*

3. Permezz ta' sentenza datata 8 ta' Mejju 2017, it-Tribunal għal-Talbiet tal-Konsumatur iddeċieda l-każ billi laqa' t-talba attriċi u kkundanna lis-soċjetà intimata tirrifondiha l-ammont ta' €3,000.

4. Illi minn din is-sentenza appellat is-soċjetà intimata. L-aggravju tagħha huwa:

   a. it-Tribunal tal-Prim' Istanza huwa mistenni japplika l-liġi relattiva sew meta jiġi biex jiddeċiedi l-każ kif ukoll meta, jekk ikun il-każ, ikun irid jagħti rimedju iżda d-deċiżjoni tat-Tribunal li tordna l-ħlas lura ta' kull ma tħallas tekwivali sitwazzjoni fejn is-servizz mitlub ma ingħatax u dan la hu korrett u anqas ġust;

   b. it-Tribunal kien wisq preġudikat kontriha, jew ma kkonsidrax debitament il-fatti meta l-appellanti riedet tpatti għall-inkonvenjent billi ma talbitx ħlas għall-*overtime* bejn is-1:00am u it-3:00;

   c. jekk l-appellanti tagħmel kapital mit-talba ambigwa tagħha (rifużjoni ta' kull ma ħallset bħala danni) issa tgħid li t-talba tagħha kienet għad-danni morali, din ma kinitx it-talba tagħha għaliex bil-liġi pertinenti l-massimu ta' danni morali li tista' titlob persuna huwa ta' ħames mitt Euro (€500).

5. L-appellata wieġbet illi l-appell tal-intimata huwa infondat fil-fatt u fid-dritt u għandu jiġi miċħud fl-intier tiegħu.

**<u>Konsiderazzjoni.</u>**

6. Il-provi kienu:

- **Dr Charlotte Camilleri** xhedet li waslet il-*venue* għall-ħabta tat-8:15pm u fl-10:30pm inqata' d-dawl. Taf għax ħarset lejn l-arloġġ dak il-ħin. Fil-post kien hemm dalma totali u l-*band* waqfet ukoll. Ftit minuti wara nxtegħel *generator* storbjuż u dawl reġa' ġie iżda wara ftit reġa' mar u baqa jiġi u jmur għal xi sitt darbiet sakem fil-11:15 ċeda għal kollox u ma reġax ġie. It-tieġ sfratta, in-nies bdew jitilqu u l-*band* waqfet iddoqq. Minħabba n-nuqqas ta' dawl, ħdejn il-*pool* kien perikoluż. Anké l-ikel beda jdum biex joħroġ minħabba l-problema tad-dawl. Hija baqagħt sakemm inqata' l-kejk peress li r-rikorrenti kuġina tagħha iżda ma kienx għad baqa ħafna nies. Dan kien bejn nofsillejl u l-kwarta u d-dawl kien għadu ma ġiex. Il-kejk inqasam fil-parti ta' ġewwa tal-*venue,* l-unika parti li kienet imdawwla. Dan għaliex, kif spjegawlha, id-dawl kien maqsum fi tlett *phases*. Peró biex taċċedi għal dik il-parti wieħed ried idur mal-*pool* u jitla' xi 6 tarġiet *in total darkness*. Apparti l-*generator* kuġin tagħha li huwa *electrician* u kien ukoll mistieden, għalmel *extension* sabiex jissellef id-dawl minn ġewwa għal barra u l-*venue* kollu kien mixgħul bi *spotlight* waħda. Kien l-20 ta' Settembru u għalhekk, minkejja n-nuqqas ta' dawl, in-nies ippreferu joqgħodu barra milli ġewwa mingħajr arja kkundizzjonata. Sakemm telqet hi dawl ma kienx hemm. Ikkonfermat li waqt il-qsim tal-kejk kien hemm xi forma ta' mużika iżda ma tafx jekk kinitx l-orkestra jew cd;

- **Antoine Borg Bonaci**, *function manager* ma' Elia Caterers kien hemm dakinar tat-tieġ u kkonferma li l-ewwel darba li nqata' d-dawl kien bejn l-10:00pm u l-11:00pm imbgħad kompla jmur u jiġi. Fil-kċina kien hemm dlam ċappa u kienu jed jaħdmu b' *torch* mislufa minn tar-ritratti u l-*mobiles* tagħhom sakemm żarmaw. Mistoqsi jekk inqatax id-dawl minħabba l-apparat tagħhom jgħid li kienu qed jużaw biss *chest freezer* u *fryer.* Il-*freezer* baqa mqabbad filwaqt li l-*fryer* ġie mibdul għal wieħed tal-gass. Jiftakar li kien hemm *areas* bid-dawl u oħrajn mingħajr iżda ma ftakarx kienx hemm dawl ħdejn il-*pool*. Ftakar li kien hemm id-dawl ġewwa għaliex kienet tqabbdet xi extension u mużika ma' plakkek li kien hemm fis-sala. X'ħin id-dawl beda jinqata' kull minuta jiftakar lil tal-mużika, li kienu barra fit-terazzin, jgħidu li mhux se jdoqqu aktar iżda ma jiftakarx baqgħux idoqqu jew le għaliex kien hemm dlam ċappa fil-kċina u riedu joħorġu l-ikel. L-

ikel kollu ħareġ għalkemm b' diffikultà. Wara li nqata d-dawl ħadd mill-*waiters* ma nfurmah li kien hemm xi problema biex jitqassam l-ikel. Huma damu tas-2:00 ta' filgħodu. Bejn nofsillejl u s-siegħa waslu tal-Enemalta, daħlu fil-kċina u biddlu xi fuse minn kamra wara l-*fridge* u b' hekk il-problema ssolviet. Wara li tranġa d-dawl kien għad hemm in-nies u baqgħu hemm sas-2:00am.

- **Arnold Sammut**, kuġin tar-rikorrenti li kien mistieden għat-tieġ, xehed li d-dawl inqata' għal xi l-10:00pm. Għalkemm kien hemm xi dawl ġewwa, fuq barra fejn kien it-tieġ kien hemm dlam ċappa. Dak il-ħin l-*attendant* xgħal il-*generator* iżda f'temp ta' tlett kwarti intefa xi ħames/sitt darbiet. Peress li l-professjoni tiegħu hija ta' *electrician* mar jara x' ġara. Jgħid li kien mar *fuse* minn tlieta iżda dan kellu s-siġill tal-Enemalta u ma setgħax ibiddlu hu. Jgħid li ma kienx każ ta' *overload.* Imbgħad mar ħdejn l-*attendant* u meta fetħu l-kaxxa tal-*generator* ħarġet ħafna sħana minħabba nuqqas ta' ilma/*coolant* li kien qed jibblokka l-magna. Sabiex jipprova jsalva s-sitwazzjoni ssellef bozza ta' 500W mill-*cameraman* u waħħalha fit-terazzin fid-direzzjoni tal-*pool.* Preċiżament twaħħlet ħdejn il-*band* għax s' hemm kien iwassal l-*extension*. Sakemm dam hemm hu, ossija san-12:30 – 12:45 baqa' kif kien.

- **Joseph Zerafa**, missier ir-rikorrenti xehed li kien ma' bintu meta ġie ffirmat il-kuntratt mas-soċjetà intimata u f' dik l-okkażjoni s-sinjura Caruana kienet serrħitilhom moħħhom li f'każ ta' *power failure* hemm il-*generator* jagħmel tajjeb kif indikat fil-kuntratt minnu eżebit (**Dok JZ**). Jikkonferma li r-riċeviment beda fit-8:30pm u kollox kien sejjer normali sakemm inqata' d-dawl fl-10:30pm. Għalkemm inxtegħel il-*generator* dan baqa ġej u sejjer sakemm fl-11:15pm miet għal kollox. Għallkemm ġewwa kien hemm dawl ħlief fil-kamra fejn tbiddel l-għarusa, minn hemm 'l barra fejn kien it-tieġ ma kienx hemm dawl. Kien hemm biss *floodlight* mal-building jagħti dawl għal fuq it-taraġ. Il-*band* waqfet iddoqq minħabba biża li l-appartat iġarrab ħsarat. Huwa ċempel lir-rappreżentanta tal-intimata li qaltlu '*ċempel lil Enemalta'* iżda huwa ma ċemplix lill-Enemalta għax l-flus, li kienu imħallsa '*in full',*[1] ingħataw lill-intimata*.* It-tieġ spiċċa madwar nofsillejl wara li nqasam il-kejk iżda huwa baqa' wara għaliex kien miftiehem ma' tax-xorb biex jiġbru dak li kien żejjed. Telaq mill-fond fis-2:30am u sa dak il-ħin id-dawl ma kienx għadu ġie tant li

[1] Rċevuta fiskali fl-ammont ta' €2565.00 + €461.70 VAT tinsab in atti

l-affarijiet li kien hemm fl-istore tneħħew bid-dawl tal-vann. Sakemm kien hemm hu ħadd ma qallu li ġie d-dawl.

- **Ir-rikorrenti** tgħid ukoll li waslet fis-sala bejn it-8:30pm u 8:45pm u d-dawl inqata' fl-10:00pm u minn hemm 'l quddiem baqa' ġej u sejjer għal tlett kwarti. L-*attendant* ma seta' jagħmel xejn u pprova jgħinha kuġin tagħha *electrician* li kien mistieden billi ssellef dawl minn ġewwa u waħħal *spotlight* fit-terazzin. Peró din ma kinitx biżżejjed u tar-ritratti waqaf jiġbed kif konfermat minn Reuben Parnis (**Dok RC1**). Tal-mużika waqfu jdoqqu *live* ukoll (**Dok RC2**). Il-prezz tal-venue kien €2565, fuq dan kien hemm €461.70VAT u bejn €60/70 kontanti tħallsu lill-*attendant.* Maria Caruana ma kinitx preżenti għat-tieġ. Lil tar-ritratti ħallsitu *in full* madwar €1,500. Tal-VAT ingħatat rifużjoni iżda perċentwal u mhux kollox (**DokRCC**).

- **Mario Vassallo**, *electrician* ilu 18-il sena jaħdem id-dawl u l-ilma tal-intimata. Jgħid li Maria Caruana ċemplitlu bejn l-10:00 u l-10:15 u hu kien fuq il-post fl-10:30. Dawn il-ħinijiet mhumiex eżatti u filfatt f'**Dok MV** minnu stess ippreżentat jgħid li hija ċemplitlu fl-10:30 u kien hemm nofsiegħa wara. Mat-triq kien ċempillu l-maġġur u tah struzzjonijiet sabiex jistartja l-*generator* u jaqleb id-dawl ta' kullimkien fuqu. Meta jsir hekk ikun hemm *blackout* ta' ftit sekondi sakemm jitniżżel il-*lever*. Malli wasal fuq il-post id-dawl kien mitfi kullimkien iżda ma jafx kemm kien ilu mitfi. Baqa dieħel fil-kċina u reġa' qeleb fuq tal-Gvern għaliex induna li kien waqaf il-*generator,* iżda dan kien ifisser li l-kċina, r-*red room* u fejn kien hemm il-mużika kienu bla dawl. Sussegwentement irranġa l-*generator* li kellu ħsara fil-pompa u reġa' qeleb kullimkien fuqu. Wara marru tal-Enemalta jbiddlu l-*fuse* u reġa' nqeleb kollox fuq l-elettriku tal-Gvern. Sakemm marru tal-Enemalta l-*generator* baqa' jaħdem sew u ma baqax jittrippja. Kull darba li nqaleb id-dawl kien hemm '*flickering'.* Din saret xi ħames darbiet żgur u fil-preżenza tiegħu tlett darbiet. Jgħid li l-*pool area* ma kinitx affetwata mill-*phase* li marret li qegħda fuq *phase* għaliha mal-parking area. Is-sala qegħda ukoll fuq *phase* għaliha li baqa' mixgħul.

- **Charles Zerafa**, *security* mas-soċjetà intimata meta jkun hemm xi *functions* qal li f'xi l-10:30 mar *phase* u ntefa d-dawl fit-terazzin u l-kċina. Eżebixxa pjanta tal-fond immarkata **Dok CZ** u l-parti fejn inqata' d-dawl ġiet immarkata bl-oranġjo. In-nies kienu barra

u ġewwa. F'temp ta' ħames minuti xegħel l-*generator,* qaleb is-sistema tal-elettriku fuqu billi dawwar *switch* u d-dawl reġa' ġie kullimkien. Dam madwar nofsiegħa jipprova jaqbad lil Enemalta iżda x'ħin wieġbu infurmawh li s-sinjura Caruana kienet diġa' kkuntattjathom. Wara siegħa d-dawl tbaxxa tlett darbiet, tal-Enemalta kienu għadhom ma ġewx u l-*generator* waqaf u ġie kollox fid-dlam. 3 jew 4 minuti wara reġa' xegħel il-*generator* u nxtegħel kullimkien iżda wara xi 4 minuti reġa' ntefa. Ipprova jerġa' jixgħalu iżda ma startjax. Għalhekk xegħel il-*mains* iżda t-terazzin u l-kċina baqgħu fid-dlam. F'dak il-ħin, ħu l-għarusa talbu *discount* talli nqata' d-dawl. Jgħid ukoll li *electrician* jiġi minn l-għarusa talbu xi għodda biex jagħmel *bypass* iġifieri jaqta' l-arloġġ tal-Gvern iżda ma ħallieħx. Min-naħa tagħhom ġabu *floodlight* u xegħelu tnejn fuq it-terazzin waħda 500 u l-oħra ta' 1,000 jagħtu għal fuq in-nies. Jikkonferma li l-*band* waqfet u għamlu mużika b' diski normali. Wara nofsillejl marru tal-Enemalta u f'5/10 minuti biddlu *fuse* li kien inqata' u kollox reġa' mar għan-normal. Il-mistednin kienu kollha hemm. Il-qsim tal-kejk sar ġewwa u kien hemm tal-*video* u tar-ritratti li qagħdu hemm sal-aħħar. Sas-siegħa t-tieġ kien għadu għaddej. Missier l-għarusa baqa' hemm sas-sagħtejn u nofs u suppost żammlu l-*overtime* iżda ma żammlux.

- **Maria Caruana** xehedet li hija tieħu ħsieb kollox f' Castello Dei Baroni. Sakemm il-caterers jarmaw hija tibqa hemm iżda wara titlaq u tara kollox mis-CCTV mid-dar tagħha. Ħin minnhom rat lil Charles jiġri min-naħa għall-oħra ħdejn il-*generators* u peress li l-*pool u area* u s-sala kienu mdawwlin ħasbet li kien waqa xi ħadd. F' xi l-10:30 jew ftit wara ċemplilha u nfurmaha li kien inqata' d-dawl fil-kċina u l-kamra ta' ħdejha biss. Huwa infurmaha li l-kien osserva lill-kok ħiereġ għaċ-ċilindri tal-gass li kien ħalla fil-vann. Hija dejjem tavża lill-*caterers* iġibu gass magħhom għall-*fryers* u l-apparat *extra* li jġibu magħhom. Hija ċeplet lil Enemalta mill-ewwel iżda kienu fuq xoħgħol ieħor. Il-*generator* dam jaħdem siegħa. Hija kienet il-ħin kollu fuq il-*mobile* ssaqsi kif sejrin l-affarijiet u tar-ritratti u tal-video qalulha li kollox kien sew għax kellhom l-apparat tagħhom. Tal-mużika infurmawha li se jieqfu mill-*live music* sakemm imorru tal-Enemalta biex ma jagħmlux ħsara lill-*equipment* iżda ħadu *extension* minn ġewwa u daqqew *recording*. Tal-Enemalta waslu f'nofsillejl u ħames minuti u rriżulta li kien *phase* 1 tal-Gvern. Tgħid li tort ta' *overload* da parti tal-*caterers.* Tgħid li t-tieġ baqa' għaddej sas-2:00am u wara li marru

tal-Enemalta kollox mar lura għan-normal. Il-kejk inqasam taħt il-linef li qatt ma ntfew u dak il-ħin is-sala kienet mimlija nies li telqu fis-2:00am. Minkejja dan missier l-għarusa ma ħallasx *overtime* li kien dovut mis-1:00 'l quddiem. Il-*parking* kien għadu mimli. Taf dan għaliex minkejja li ma kinitx hemm kellha 8/9 monitors quddiema d-dar tagħha u setgħat tara x' kien qed jiġri. Peress li r-rikorrenti damet ma ressqet l-ilment tagħha l-*footage* laħaq tħassar. Tenniet li kull ma kien mitfi d-dawl kien għal żewġ minuti sakemm Charles Zerafa mexa sal-*generator.* Għal siegħa sħiħa kien imdawwal kullimkien bil-*generator.*

- **Reuben Parnis**, *fotografu* xehed li l-ħaddiema tiegħu kienu preżenti għat-tieġ in kwistjoni. Għalkemm hu ma kienx hemm, l-*album* ħadmu hu. Jekk kien hemm xi problemi kienu meta ġew biex jieħdu b' idejn in-nies. Il-kejk, iż-żfin u gruppi bħala *session* kienu lesti. Forsi kienu neqsin xi *individual pictures* man-nies*.* Sar jaf li nqata' d-dawl kemm mill-għarusa kif ukoll min-nies tiegħu.

- **Joseph Scerri** *assistant tradesman* mal-Enemalta xehed li hu u ieħor kienu marru fil-fond fl-okkażżjoni mertu tal-każ odjern u sewwew *fuse* minn tlieta. Kien dalam sewwa iżda ma jiftakarx x'ħin kien.

- **Raymond Louis** *distribution tradesman* mal-Enemalta kien ukoll mar fuq il-post jirranġa l-ħsarat fil-lejl in kwistjoni. Jgħid li marru f'xi l-11:30pm u sabu *fuse* wieħed minn tlieta maqtugħ. Hu ra kollox jixgħel u daħal fid-dawl. Daħal mill-*gate,* ħdejn il-*pool* u ġol-kċina fejn kien hemm l-arloġġ tad-dawl. Jidirlu li l-*pool* kienet mixgħula. Ma jiftakarx il-kċina kinitx mixgħula għax kien hemm in-nies jaħdmu. Damu 10 minuti biex sewwew il-ħsarat u telqu. Huma u ħerġin ra ammont ta' niex jiżfnu għalkemm ma daħalx fis-sala ta' ġewwa. Wara li ġie eżebit ir-rapport qal li jekk ir-rapport daħal fl-22:30 huma kienu hemm fil-23:00.

- **Marisa Cassar** ippreżentat kopja tar-rapport tal-Enemalta **Dok MC**.

7. Is-soċjetà appellanti tilmenta li: (i) it-Tribunal tal-Prim' Istanza huwa mistenni japplika l-liġi relattiva sew meta jiġi biex jiddeċiedi l-każ kif ukoll meta, jekk ikun il-każ, ikun irid jagħti rimedju iżda d-deċiżjoni tat-Tribunal li tordna l-ħlas lura ta' kull ma tħallas tekwivali sitwazzjoni fejn is-servizz mitlub ma ingħatax u dan la hu korrett u anqas ġust; (ii) it-Tribunal kien wisq preġudikat

kontriha, jew ma kkonsidrax debitament il-fatti meta l-appellanti riedet tpatti għall-inkonvenjent billi ma talbitx ħlas għall-overtime bejn is-1:00am u it-3:00; (iii) jekk l-appellanti tagħmel kapital mit-talba ambigwa tagħha (rifużjoni ta' kull ma ħallset bħala danni) issa tgħid li t-talba tagħa kienet għad-danni morali, din ma kinitx it-talba tagħha għaliex bil-liġi pertinenti l-massimu ta' danni morali li tista' titlob persuna huwa ta' ħames mitt Euro (€500).

8. Mill-fatti suespost jirriżulta pjuttost paċifiku li r-riċeviment beda għall-ħabta tat-8:30pm u *phase* waħda minn tlieta tal-elettriku inħarqet fl-10:30pm bil-konsegwenza li mar id-dawl fil-kċina u t-terazzin tal-istabbiliment fejn kien qiegħed isir ir-riċeviment tat-tieġ tar-rikorrenti. Din tal-aħħar, missierha Joseph Zerafa u l-kuġini tagħha Dr Charlotte Camilleri u Arnold Sammut jgħidu li d-dawl mar ukoll fil-*pool area* iżda dan ġie kontradett minn Maria Caruana li tieħu ħsieb il-fond in kwistjoni u kienet qed tara kollox fuq CCTV kif ukoll minn Mario Vassallo, l-*electrician* tagħha li xehed li l-*pool area* ma kinitx affetwata mill-*phase* li marret għaliex qegħda fuq *phase* għaliha mal-parking area. Charles Zerafa li kien is-*security* inkarigat jgħid ukoll li ntefa' d-dawl biss fit-terazzin u l-kċina iżda huwa kien pront u xegħel il-*generator* f' ħames minuti. Sakemm dawwar il-provvista tal-elettriku fuq il-*gnerator* kien hemm ftit sekondi ta' *blackout totali* sakemm dawwar l-*iswitch*. Fil-pront Maria Caruana rrapurtat l-ħsara mal-Enemalta hekk kif jirriżulta mill-kopja tar-rapport eżebit minn Marisa Cassar.

9. Il-qofol ta' kollox mhuwiex jekk marritx il-provvista tad-dawl da parti tal-Enemalta, iżda jekk is-soċjetà intimata pprovdietx l-elettriku permezz ta' *generator* fin-nuqqas ta' provvista ta' elettriku mill-Enemalta kif kienet obbligat ruħha li tagħmel meta sar il-ftehim mar-rikorrenti għall-kiri tas-sala. Fid-dokument li l-appellanti tat lill-appellanti kien jingħad li, *"Use of backup Generator"* kien *"Free of Charge"*.

10. F'dan il-kuntest, għalkemm jirriżulta li *generator* kien hemm u nxtegħel, wara xi 45minuta u siegħa saħan u waqaf. Charles Zerafa jgħid li qabel ma ntefa tbaxxa tlett darbiet. Huwa reġa xegħel il-*generator* iżda wara ftit minuti reġa ntefa u ma setax jerġa jixgħelu. Kien għalhekk li reġa' qeleb fuq il-provvista tal-Enemalta bil-konsegwenza li ma kien hemm ebda provvista ta' dawl fil-kċina u fit-terazzin. Inxtegħel xi dawl fit-terazzin permezz ta' *extensions* minn ġewwa. Fil-frattemp tal-kċina, għalkemm b'diffikultà, xorta ħarġu l-ikel iżda tal-*band* waqfu jdoqqu *live* u minflok daqqew *recording*.

11. Mario Vassallo, l-electrician li tqabbad mill-intimata biex imur jirranġa l-ħsara, qal li huwa mar fuq il-post u rranġa l-*generator* iżda l-ħinijiet mogħtija minnu

m'humiex konsistenti mal-kumplament tax-xhieda l-oħra. Biss biss, ladarba x' ħin wasal sab il-*generator* mitfi żgur li kienu għaddew mill-inqas siegħa ladarba s-*security* jgħid li d-dawl inqata' wara siegħa, reġa' xegħelu iżda reġa' mar wara 5 minuti meta mbagħad reġa' qabbad l-elettriku il-provvista tal-Enemalta. Jirriżulta ukoll li sussegwentment inxtegħelu xi *floodlights* b'dan illi żgur li l-electrician ma rranġax il-*generator* f'qasir żmien għaliex kieku ma kienx ikun hemm il-ħtieġa li jissellef dawl minn ġewwa. Huwa għalhekk probabbli li l-*generator* tranġa ftit qabel ma waslu tal-Enemalta. Fil-fatt Raymond Louis jgħid li x'ħin wasal kollox kien jixgħel. Jirriżulta li għall-ħabta ta' nofsillejl marru tal-Enemalta u f'5/10 minuti biddlu *fuse* li kien inqata' u kollox reġa' mar għan-normal. Biex għamlu dan kien hemm *blackout* ieħor biex id-dawl jerġa' jinqeleb fuq il-*generator* sakemm tranġa l-*fuse* u l-enneżimu *blackout* sabiex is-sistema terġa tinqeleb fuq il-provvista tal-Gvern.

12. Is-soċjetà appellanti tikkontendi li kienu biss mumenti qosra fejn id-dawl kellu jintefa' kompletament sabiex tinqaleb il-provvista tad-dawl minn ta' l-Enemalta għal fuq il-*generator* u *vice versa*. Il-bqija kien hemm dawl kullimkien u l-ħin kollu ħlief fit-terazzin u fil-kċina għall-perjodu qasir x'ħin waqaf il-*generator*. Tgħid li minkejja kollox it-tieġ kompla, l-ikel ħareġ u wara li ssewwa l-*fuse* it-tieġ kompla u d-dawl ma reġax inqata b'dan illi t-Tribunal ma setax jirrifondiha l-ammont sħiħ daqs li kieku m'għalmlet l-ebda riċeviment.

13. Jirriżulta li r-riċeviment tat-tieġ beda fit-8:30 ta' filgħaxija u spiċċa bejn is-siegħa u s-sagħtejn ta' filgħodu. Għalhekk, ir-riċeviment innifsu dam madwar 5 sigħat. Jirriżulta li bejn l-10:30 u nofsillejl, x'ħin ir-riċeviment kien fl-aqwa tiegħu, inqata' d-dawl xi sitt darbiet u fil-kċina u fit-terazzin fejn kien hemm il-*band* inqata' d-dawl kompletament għal madwar nofsiegħa jew tlett kwarti bil-konsegwenza li l-*band* waqfet iddoqq *live.* Irriżulta li fil-kċina spiċċaw kellhom jaħdmu b'torċ u użu ta' mobile phones. Sitwazzjoni għal kollox inaċċettabbli. M'hemmx dubju li dan ma kienx is-servizz pattwit u mistenni li għalih ir-rikorrenti kienet diġa ħallset lill-appellanti. Huwa loġiku li ladarba ġie miftiehem li jkun hemm *backup* għall-provvista tal-elettriku permezz ta' *generator,* l-appellanti kellha obbligu li tiżgura il-*generator* jaħdem sew u ma jkunx hemm qtugħ tas-servizz tal-elettriku. Ir-riċeviment kompla iżda dan ma jnaqqas xejn mill-fatt li l-appellanti naqset milli tonora wieħed mill-obbligi tagħha.

14. Konsegwenza ta' dan ir-rikorrenti talbet li titħallas lura s-somma ta' €3,026.70 u €60 għall-*attendant*. It-Tribunal laqa' t-talba tar-rikorrenti fis-somma ta' €3,000 billi tnaqqaset *arbitrio boni viri* is-somma ta' €86.70 mill-pretensjoni attriċi għaliex kienet irċeviet ħlas lura ta' Taxxa Fuq il-Valur Miżjud.

15. L-attriċi ssostni li ma kellhiex tiġi kkundannata tħallas l-ammont kollu daqslikieku r-riċeviment qatt ma sar.

16. L-Att dwar l-Affarijiet tal-Konsumatur, Kap 378 tal-Liġijiet ta' Malta jipprovdi s-segwenti:

> *'20. (1) Tribunal ikollu ġurisdizzjoni li jisma' u jaqta' talbiet magħmula minn konsumaturi kontra kummerċjanti meta l-valur tat-talba, minbarra l-imgħax u l-ispejjeż, ma jkunx aktar minn tliet elef u ħames mitt euro (€3,500), u meta t-talba jkollha x' taqsam ma', toħroġ minn jew tkun dwar, sew direttament sew indirettament –*
> *(a) ix-xiri jew kiri minn konsumatur ta' oġġetti mingħand kummerċjant;*
> *(b)* ***l-għoti ta' servizzi minn kummerċjant lil konsumatur****.'*
>
> *...*
>
> *43. (1) Il-prinċipji dikjarati fis-subartikolu (2) ma għandhomx ikunu direttament esegwibbli f 'xi qorti jew tribunal, iżda għandhom jinżammu fl-interpretazzjoni u l-implementazzjoni ta' dan l-Att u tar-regolamenti kollha magħmula taħtu.*
>
> *(2) Il-konsumaturi jkollhom dritt –*
> *...*
> *li talbiet ġustifikati jiġu rranġati b'mod ġust* ***inkluż il-kumpens adegwat għal*** *rappreżentazzjoni ħażina, oġġetti diżutli jew* ***servizzi mhux sodisfaċenti****; u ...'*

17. M'hemmx dubju li s-servizz mogħti mill-appellanti ma kienx dak mistenni f'ġurnata daqstant importanti, u li żgur li r-rikorrenti kienet ilha tipprepara għaliha. Għalhekk għandha jedd li tippretendi ħlas lura ta' parti mis-somma li ħallset lill-appellanti għall-użu tal-fond fejn sar ir-riċeviment. Minkejja li mit-8:30pm sal-10:30pm ma kienx hemm problema bil-provvista tad-dawl, wara kien hemm **interruzzjonijiet varji** tal-elettriku sakemm **inqata' kompletament f'ċertu partijiet** fejn kien qiegħed isir ir-riċeviment u **l-arranġament alternattiv ma kienx xieraq**. Ukoll jekk jiġi konċess li l-*fuse* maqtugħ m'effetwax id-dawl tal-*pool* area, għalkemm dwar dan hemm ċertu dubju, tnaqqas xi nofs siegħa fejn il-*generator* kien qed jaħdem tajjeb, siegħa bid-dawl ġej u sejjer f'nofs riċeviment ta' tieġ li dam xi ħames sigħat, hu ħin sostanzjali.

18. Huma żewġ rimedji li ġeneralment jingħataw f'każ fejn is-servizz mogħti ma jkunx sodisfaċenti, ossija *right to repeat performance*, jew tnaqqis fil-prezz li jista' saħansitra jammonta għal rifużjoni sħiħa tal-prezz fejn wieħed ma ħa l-ebda benefiċċju mis-servizz in kwisjoni li jrid jerġa' jsir mill-ġdid. Ovvjament mhuwiex possibbli li r-riċeviment jerġa' jsir.

19. Minkejja n-nuqqasijiet, ir-rikorrenti ħadet ċertu benfiċċju mis-servizz in kwisjtoni u għalhekk it-Tribunal ma kellux jordna li jitħallas il-prezz sħiħ li ħallset għall-użu tal-fond. Kollox ikkunsidrat, din il-Qorti hi tal-fehma li l-appellanti għandha tħallas lura 70% tal-ħlas li rċeviet għall-kiri tas-sala.

20. L-ilment tal-appellanti li t-Tribunal kien preġudikat kontriha huwa fieragħ u mhemm l-ebda bażi għalih.

21. Rigward il-lanjanza li l-appellanti pattiet għall-inkonvenjent billi ma talbitx ħlas ta' €240 li kien dovut għall-allegat *overtime* bejn is-1:00am u t-3:00 u €30 tas-*security,* din il-Qorti hi tal-fehma li dak it-tnaqqis kien irriżorju u mhux sostanzjali biżżejjed biex jagħmel tajjeb għan-nuqqas ta' aderenza da parti tagħha ma' obbligu li joħroġ mill-kuntratt. Ladarba l-appellanti ċediet il-pretensjonijiet tagħha fir-rigward, mhi se ssir l-ebda riduzzjoni ulterjuri.

22. Dwar l-allegazzjoni li r-rikorrenti ppruvat tagħti mpressjoni li l-fatti kienu agħar milli fil-fatt kienu, mill-provi li ressqet l-appellanti stess din il-Qorti hi konvinta li dak mhuwiex minnu. Lanqas ma tirriżulta fondata l-allegazzjoni li r-rikorrenti ppruvat taħbi l-identità tal-fotografu sabiex l-intimata ma tkunx tista' tressaq din il-prova u fil-fatt kienet hi stess li fl-udjenza tal-4 ta' Mejju 2015 eżebiet ittra ffirmata mill-fotografu konċernat fuq *letterhead* bid-dettalji kollha tiegħu fejn ikkonferma li d-dawl inqata' kemm il-darba (**Dok RC1**).

23. Peró l-appellanti għandha raġun fir-rigward tal-VAT. Ir-rikorrenti stess ikkonfermat li ħadet rifużjoni tal-VAT skont l-iskema applikabbli għat-tiġijiet li tinħadem fuq bażi *pro rata* ta' 13.04% tan-nefqa iżda f'kull każ limitata għal €1,747. F'**Dok RRC** ir-rikorrenti tat rendikont tat-Taxxa Fuq il-Valur Miżjud li ħallset fir-rigward tal-ispejjeż tat-tieġ, b'total ta' €1,969.66. Skont ma ddikjarat f'dak id-dokument tħallset il-massimu ta' €1,747 (ara wkoll l-estratt mill-Gazzetta tal-Gvern), ossija madwar 88.70% tas-somma sħiħa b'dan illi r-rifużjoni li ħadet għas-servizz mogħti mill-appellanti jinħadem għal €350 (88.70% ta' €394.68). Din hi s-somma li għandha titnaqqas fir-rigward tat-Taxxa Fuq il-Valur Miżjud.

24. Isegwi li l-ħlas li għandha tirċievi hu 70% tas-somma ta' €3,086.70 nieqes €350 li jammonta għal, **elf disa' mija u ħmistax-il ewro u disgħa u sittin ċenteżmu (€1,915.69).**

**Għal dawn il-motivi il-Qorti sa fejn kompatibbli ma' dak li ngħad hawn fuq tilqa' l-appell fis-sens biss li l-ammont li għandha titħallas l-attriċi hi s-somma ta' elf disa' mija u ħmistax-il ewro u disgħa u sittin ċenteżmu**

**(€1,915.69), u tikkundanna lill-appellanti sabiex tħallas din is-somma lill-attriċi. Bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi jinqasmu in kwantu għal 70% a karigu tal-appellanti u 30% a karigu tal-appellata.**

Anthony Ellul.